**Kamra mbierka**

Kamra siekta fit-tieni sular,
Li għallimtni tul illejl u n-nhar.

Kemm-il bniedem tassew hu frugħa,
Dawk azzjunietu tassew bluha.

Meta jaħseb li bihom wasal,
Biex jaħkem, o'x moħħ kollu basal!

X'jibqagħlu dal-bniedem hekk mignun?
Trab f'idejh imqegħdha minn tal-qrun?

O art u sema isimgħuni,
Intom li fl-inkwiet qed tarawni.

Xejn ma jibqa' sew f'din id-dinja,
Kollox jinatt daqs l-aqwa binja.

Tibqa' biss it-tama ta' futur,
Imwarrad mill-fiduċja fiż-żgur.

B'dal-ħsieb o kamra se nħallik
Nitbissimlek imma mhux nibkik.

Se nkompli nbaħħar il-vjagg tiegħi,
Nieħdok f'qalbi ha tibqa' mieghi.

Hekk l-istorja żgur li ma tmut qatt,
Tkompli titnissel biex le tinħatt.

L-ajruplan jinsab jistennieni
Arani kamra kemm jien ħieni.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Mejju 2023

Kamra 2010 Lwagiwniki Krakow, Polonja.

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen